MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 863/2003

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Awissu 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Dicembru 1973 skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "DG1";

Illi mill-imsemmi zwieg, il-kontendenti kellhom tifel wiehed biss li jismu B, illum maggorenni;

Illi l-konvenuta *nomine* rrendiet il-hajja matrimonjali ta’ bejn il-kontendenti mpossibbli, *stante* li hija hati versu l-attur, ta’ adulterju, vjolenza, sevizzi, minacci, nsulti u ngurji gravi u abbandun, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanti permezz tad-digriet appozitu ta’ l-Onorabbli Sekond’Awla tal-Qorti Civili, digriet numru 1938/2002 hawn anness u mmarkat Dok. “DG2”;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta *nomine* kif fuq spjegat;

(2) TAWTORIZZA lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta *nomine;*

(3) TILLIKWIDA ammont adegwat ta’ manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenuta *nomine* lill-attur *nomine,* ghalih u TORDNA u TIKKUNDANNA lill-istess konvenuta *nomine* sabiex thallas lill-attur, dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u TORDNA illi dawn l-alimenti jigu mhallsa lill-attur billi jitnaqqsu direttament minn sehem il-mara mill-komunjoni ta’ l-akkwisti u jigu akkreditati favur l-attur;

(4) TIDDIKJARA li l-konvenuta *nomine* iddekadiet minn kwalsiasi dritt li jitlob li tippercepixxi manteniment minghand l-attur;

(5) TAPPLIKA kontra l-konvenuta *nomine* l-effetti *in toto* jew *in parte* ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mill-attur;

(6) IXXOLJI u TILLIKWIDA l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f’zewg porzjonijiet

mhux necessarjament ugwali u TASSENJA porzjoni lill-attur u porzjon lil-konvenuta *nomine ope sententiam.* Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv u tikkonferma l-istess kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

(7) TIKKUNDANNA lill-konvenuta *nomine* sabiex tirrestitwixxi lill-attur, il-beni parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dan fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenuta *nomine* taghmel dan, TIKKUNDANNAHA thallas lill-attur, dik is-somma li ghandha tigi likwidata, *occorrendo* bl-opera ta' periti *nominandi,* rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali suddetti;

(8) TAWTORIZZA lill-attur sabiex jghix u jabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenuta *nomine* u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez kollha u bil-konvenuta *nomine* minn issa ngunta ghas -subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process;

Rat id-digriet ta' nota guramentata moghti lill-attur;

Rat id-digriet ta' l-affidavits tal-partijiet fejn ukoll gie nominat Dr. Mark Chetcuti bhala Perit Legali;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati datata 21 ta' Novembru 2003 fejn eccepew:-

1. Illi b'digriet ta' l-24 ta' Lulju 2002 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti, B.

2. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw mal-persuna minnhom rapprezentata u ghalhekk m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 22 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2004 fejn gie revokat l-inkarigu tal-Perit Legali *stante* n-nuqqas tal-htiega tieghu u Dr. Leslie Cuschieri ta ruhu b’notifikat bl-affidavits ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 4 ta’ Frar 2004 fejn permezz taghha pprezenta n-nota guramentata tieghu;

Rat in-nota ulterjuri ta’ l-attur ta’ l-4 ta’ Frar 2004 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess u ta’ ibnu, B Giordmaina;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 17 ta’ Frar 2004 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ Pastor Joe Agius;

Rat il-verbal tat-18 ta’ Mejju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta’ Frar 2005;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali b’effett minn Jannar 2002 u marret tghix l-Awstralja, u hija hatja *verso* l-attur ta’ sevizzi, mohqrija, u eccessi u kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment u ghalhekk ewwel talba attrici ghandha tigi hekk milqugha biss fil-limiti hawn indikati. Dan johrog mill-affidavit ta’ l-attur, u sa certu punt mix-xhieda ta’ ibnu – ghalkemm fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, l-aduterju allegat ma giex ippruvat.

Illi konsewgentement anke t-tieni talba ghandha tigi milqugha.

Illi dwar manteniment jigi fl-ewwel lok indikat li ma giex ippruvat li l-istess konvenuta ghandha hija *per se* xi forma ta' introjtu u *in verita* l-istess attur jircievi *disabilty pension* privata kif indikat a fol. 41 tal-process, u dan apparti li jircievi *disability pension* minn Malta *tramite* d-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kif indikat skond Dok. "DG 8A" a fol. 50 tal-process, u dan apparti li ghandu sa llum ukoll parti minn l-introjtu tal-kera tal-fond 2/28, Davison Street, Richmond l-Awstralja, u ghalhekk jirrizulta li f'dan l-istadju din it-talba attrici ma tistax tintlaqa'. Apparti dan jidher li l-istess attur ghandu diversi mezzi u assi tieghu, u kif ser jinghad ser jibqa' proprjetarju ta' diversi assi.

Illi r-raba' talba ghandha tigi milqugha bl-applikazzjoni ta' l-**artikou 48 tal-Kap 16** fl-intier tieghu kollu kontra l-konvenuta assenti.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, din il-Qorti tordna x-xoljiment ta' l-istess b'effett minn Awissu 2002, u dwar id-divizjoni u l-likwidazzjoni ta' l-istess thoss li l-istess komunjoni ghandha tigi likwidata u diviza b'dan il-mod u dan *arbitro boni viri,* u dan anke ghaliex l-istess allegazzjonijiet u proposti ta' l-attur f'dan ir-rigward m'humiex, fl-opinjoni tal-Qorti gustifikabbli u fondati fil-ligi, ghaliex anke jekk l-istess konvenuta qed tigi misjuba li hija hatja ghall-firda personali bejn il-partijiet, ir-raguni principali li tat lok ghall-istess firda kienet biss f'Awissu 2002, u allura dan ma jintitolax lill-attur li jiehu wkoll is-sehem kollu ta' l-attrici mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti u dan qed jinghad anke bl-applikazzjoni ta' dak li jipprovi l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kap 16.** Din il-Qorti tosserva dan minkejja li l-kuraturi deputati appuntati ghall-assenti gew notifikat bil-proposti ta' l-attur, izda l-istess kuraturi deputati baqghu ma tawx il-proposti taghhom, jew almenu oggezzjonaw anke jekk legalment biss fuq dak li ppropona l-istess attur, li fl-opinjoni tal-Qorti qed jipprova jipprofitta ruhu b'mod ghal kollox inaccettabbli mis-sitwazzjoni.

Illi ghalhekk *arbitro boni viri* din il-Qorti tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod premess:-

(a) Tassenja lill-attur il-fond “Notre Maison”, Triq G. Depiro, Rabat, bil-*garage* mieghu, u l-fond 18, St. Mary Street, Rabat, Malta, l-vettura *Pick-up* tal-marka Toyota, Reg. No. HAP 416, id-daghjsa *speed boat Easyrider* Reg. No. S 13338, u d-depozitu bankarju f’isem l-attur fil-Commonwealth Bank, Awstralja Numru 06316510268104 (ghaliex qed jigi ddikjarat li dan infetah fl-4 ta’ Jannar 2002) nofs id-depoziti bankarji fil-kont f’isem iz-zewg partijiet mal-Commonwealth Bank, Awstralja, Numru 06316510193106, u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc, Kont Numru 14611777019, l-ghamara u ghodod god-dar, flimkien ma’ mobbli u l-ghodod ta’ god-dar.

(b) Tassenja lill-konvenuta il-fond Flat 2/28, Davison Street, Richmond l-Awstralja bl-oggetti kollha ta’ go fih, inkluz kull dritt ta’ hlas ta’ kera minn terzi fuq l-istess, liema dritt ta’ kera mid-data ta’ din is-sentenza jibqa’ jappartjeni biss lill-konvenuta assenti. Qed jigi assenjat ukoll lill-konvenuta assenti, nofs id-depoziti bankarji fil-kont f’isem iz-zewg partijiet mal-Commonwealth Bank, Awstralja, Numru 06316510193106, u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc, Kont Numru 14611777019,

Illi jigi ddikjarat li mill-provi prodotti *garage* gewwa Raba’ Nemel, Malta u karozza Triumph, senter u l-ammont ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000) huma parafernali ghall-attur u jinsabu gja fil-pussess tieghu.

Illi l-attur ghandu fl-ahharnett jibqa’ jircievi d-*disability pension* li huwa ntitolat ghalihom kemm Malta u kemm ta’ l-Awstralja, b’dan li b’effett mid-data ta’ din is-sentenza kull kirja dovuta fuq il-proprjeta’ fl-Awstralja fuq deskritta, tappartejni esklussivament lill-konvenuta assenti u ghandha tigi percepita biss minnha bhala proprjetarja assoluta ta’ l-istess immobbli b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

## **<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-kuraturi deputati nkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, u filwaqt li **tichad it-tielet u s-seba' talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

(1) TIDDIKJARA u TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-konvenuta assenti konsistenti f'sevizzi, mohqrija, u eccessi, li jinkludu wkoll abbandun tal-familja b'effett minn Awissu 2002, u kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment.

(2) Tilqa' din it-talba u tawtorizza lill-attur illi jghix separat mill-konvenuta assenti.

(3) Tichad din it-talba *stante* li ma huwiex il-kaz li jigi likwidat manteniment favur l-attur ghar-ragunijiet fuq indikati f'din is-sentenza.

(4) TIDDIKJARA li l-konvenuta *nomine* iddekadiet minn kwalsiasi dritt li jitlob li tippercepixxi manteniment minghand l-attur u dan anke b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** b'dan li ghall-fini ta' l-**artikolu 48 (1) (c)** qed tigi stabilita d-data ta' Awissu 2002 bhala d-data meta l-konvenuta assenti tat-lok ghall-firda.

(5) TAPPLIKA kontra l-konvenuta assenti l-effetti *in toto* ta' l-**artikoli 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** nkluza l-komminazzjoni li titlef kull dritt li tiret mill-attur.

(6) Tilqa' din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett minn Awissu 2002 u tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti *arbitro boni viri* bil-mod segwenti b'dan illi:-

(a) Tassenja lill-attur il-fond "Notre Maison", Triq G. Depiro, Rabat, bil-*garage* mieghu, u l-fond 18, St. Mary Street, Rabat, Malta, l-vettura *Pick-up* tal-marka Toyota, Reg. No. HAP 416, id-daghjsa *speed boat Easyrider* Reg. No. S 13338, u d-depozitu bankarju f'isem l-attur fil-

Commonwealth Bank, Awstralja Numru 06316510268104 (ghaliex qed jigi ddikjarat li dan infetah fl-4 ta' Jannar 2002) nofs id-depoziti bankarji fil-kont f'isem iz-zewg partijiet mal-Commonwealth Bank, Awstralja, Numru 06316510193106, u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc, Kont Numru 14611777019, l-ghamara u ghodod god-dar fir-Rabat, Malta.

(2) Tassenja lill-konvenuta assenti il-fond Flat 2/28, Davison Street, Richmond l-Awstralja bl-oggetti kollha ta' go fih, inkluz kull dritt ta' hlas ta' kera minn terzi fuq l-istess, liema dritt ta' kera mid-data ta' din is-sentenza jibqa' jappartjeni biss lill-konvenuta assenti. Qed jigi assenjat ukoll lill-konvenuta assenti nofs id-depoziti bankarji fil-kont f'isem iz-zewg partijiet mal-Commonwealth Bank, Awstralja, Numru 06316510193106, u nofs l-ammont li fadal mill-*joint account* mal-Bank of Valletta plc, Kont Numru 14611777019.

Illi jigi ddikjarat li mill-provi prodotti *garage* gewwa Raba' Nemel, Malta u karozza Truimph, senter u l-ammont ta' tliet elef lira Maltija (Lm3,000) huma parafernali ghall-attur u jinsabu gja fil-pussess tieghu.

Illi l-attur ghandu fl-ahharnett jibqa' jircievi d-*disability pension* li huwa ntitolat ghalihom kemm Malta u kemm ta' l-Awstralja, b'dan li b'effett mid-data ta' din is-sentenza kull kirja dovuta fuq il-proprjeta' fl-Awstralja fuq deskritta tappartjeni esklussivament lill-konvenuta assenti u ghandha tigi percepita biss minnha bhala proprjetarja assoluta ta' l-istess immobbli b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

(7) Tichad din it-talba *stante* li ma giex ippruvat li l-konvenuta ghandha fil-pussess taghha xi assi appartenenti lill-attur.

(8) Tawtorizza lill-attur sabiex jghix u jabita fid-dar matrimonjali "Notre Maison", Triq G. Depiro, Rabat, bil-*garage* mieghu, ad eskluzjoni tal-konvenuta, b'dan li qed

jigi kkonfermat li b'effett ta' din is-sentenza l-istess konvenuta ma' ghandha l-ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess fond.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta assenti b'dan li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------